MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 699/1998

**Il-Pulizija**
**(Supt. Mario Bonello)**

**v**

**Peter Degabriele ta' 44 sena bin Peter u Lucrezia nee Mizzi mwieled Zejtun fil-31/12/54 u joqghod 80, St Francis Street, Cospicua li ghandu karta tal-identita' bin-numru 22055 (M)**

**Victor Degabriele ta' 14-il sena bin Peter u Marieanne nee Camilleri mwieled Pieta' fl-1/2/84 u joqghod 80, St Francis Street, Cospicua li ghandu karta tal-identita' bin-numru 191384 (M)**

**Sandro Degabriele ta' 19-il sena bin Peter u Marieanne nee Camilleri mwieled Pieta' fil-21/3/79 u joqghod 184, Flat 2, St P aul Street, Valletta li ghandu karta tal-identita' numru 168979 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Peter Degabriele, Victor Degabriele u Sandro Degabriele li gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fis-16 ta' Novembru, 1998 u fil-jiem ta' qabel, bi vjolenza ikkommettew stupru fuq il-persuna ta' Jennifer Mifsud ta' tlettax-il sena.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr ordni skond il-ligi tal-Awtorita' Kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw jew issekwestraw lill-imsemmija Jennifer Mifsud.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi b'ghemil zieni ikkorrompew lill-imsemmija Jennifer Mifsud.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 10 ta' April, 2003 ( a fol 321) u ghalhekk din id-decizjoni hija biss fil-konfront ta' l-akkuzi addebitati ai termini tal-artikoli 203 tal-Kapitlu 9 (vide artikoli a fol 234).

Rat l-atti kollha tal-kawza u dan biss in ezami tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

Semghet it-trattazzonijiet u kkonsidrat

Illi bid-decizjoni ta' din l-istess Qorti datata 15 ta' Novembru, 2002 it-tliet akkuzati gew liberati mill-akkuzi ta' stupru u ta' sekwestru fuq il-persuna tal-minorenni (dak iz-zmien) ta' Jennifer Mifsud.

Illi kif gia gie ben dettaljat fis-sentenza gia msemmija fl-ismijiet Pulizija (Sp. Bonello v Peter Degabriele et (a fol 298 et seq) il-minuri b'xelta taghha spiccat ghal ftit granet u hemm raqdet fis-sodda ma' l-ahwa Victor u Sandro u kellha x'taqsam maghhom.   Issa r r-reat li gie addebitat lil

tliet akkuzati huwa dak ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. Bla tlaqliq hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi dan ir-reat bl-ebda mod ma jista’ jkun attribwibbli lil missier Peter Degabriele, li ghalkemm certament wera nuqqas ta’ maturita’ u fil-konfront tas-sitwazzjoni u l-isvolgiment kollu taghha, huwa ghal kollox estraneju ghar-reat ikkontemplat taht l-artikolu 203 tal-Kapitlu 9.

Issa kif gia inghad il-Qorti lliberat lill-akkuzati kollha mill-akkuzi ta’ stupru u sekwestru pero’ dan ma jfissirx illi l-minorenni Jennifer Mifsud ma kinitx suggetta ghal attakk fuq il-pudur taghha. Anke jekk ir-resiztenza ta’ Jennifer Mifsud ghal atti sesswali min-naha tal-ahwa Degabriele fuqha, kienet limitata ghal negazzjoni dghajfa ta’ “hallini, hallini”, dana ma jfissirx kif gie suggerit li din it-tfajla kienet “hajja” fl-atteggjament u relazzjonijiet sesswali taghha bil-konsegwenza li ma setghatx tkun soggetta ghal skandli ulterjuri. Anzi kif xehdet l-istess Mifsud, l-atteggjament u l-komportament taghha, d-dispozizzjoni taghha wriet fiz-zmien ta’ l-allegat reat u matul il-hin li ghamlet tiddeponi li din kienet tfajla ta’ karattru ferm u ferm naive. Tant li mistqosija mill-Qorti xi jfisser gharus ghaliha wiegbet b’mod ghal kollox immatur u ta’ persuna bla esperjenza u background socjali li ma jghin xejn is-sitwazzjoni li dan hu xihadd li ma jiffitahiex. L-imgiegba ta’ l-istess Mifsud, in-nuqqas ta’ maturita’ taghha hija rispekkjata mill-fatt li din kienet tfajla bla hbieb u ghamelt hbieb malajr ma’ nies ma tafhomx u mal-ewwel hadet u nghatat kunfidenza zejda maghhom anke sahansitra li tmur torqod ghandhom. L-ingenwita taghha mbaghad issib il-kulminu taghha meta torqod anke jekk liebsa bejn zewg guvintur!!

X’gara minn hemm ‘l hemm huwa li hi kellha x’taqsam, anke jekk ma wrietx entuzjazmu ghal dan il-fatt ma’ l-ahwa Degabriele b’mod kwazi robotiku u karenti minn xi tip ta’ emozzjoni hlief ghall-fatt li ghax telgha ragel fuqha hallietu u la halliet lil wiehed allura halliet lill-iehor. Dan pero’ ma jfissirx li din it-tifla ma gietx korrotta ulterjuri. Din anke jekk ma wrietx rezistenza ghal assalt fiziku fuqha ma ghamilx hekk rizultat ta’ l-injoranza taghha f’livell socjali kif ukoll edukattiv. L-istess Jennifer Mifsud anzi kienet kategorika fid-depoizzjoni taghha li hi ghamlet jew anzi

halliet lil ahwa Degabriele jaghmlu dak li ghamlu maghha ghax tobdi (a fol 46) u barra minn hekk xehdet ukoll li din kienet l-ewwel esperjenza taghha in kwantu hi qatt ma kienet ghamlet xejn ma’ haddiehor.

Ghaldaqstant qeghda ssib lil Victor u Sandro Degabriele hatja ai termini ta’ l-artikolu 203 tal-Kapitlu 9. Dwar il-piena tikkundanna lil Victor u Sandro Degabriele ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin wara li rat l-artikolu 28 A tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------